MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 51/2004

**Stephen u Evania Konjugi Balzan**

**vs**

**Ferdinand u Olga konjugi Felice**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati thallasu lill-atturii s-somma ta' erbgha mija u wiehed u erbghin il-lira Maltin (Lm414.00), rapprezenanti s-sehem diviz taghhom ghar-riparazzjonijiet straordinarji u urgenti fil-common area tal-block ta' appartamenti, 51 Triq l-Ifran, Valletta, liema xogholijiet saru mill-atturi, wara "intimation form" mill-pulizija, kif ukoll biex l-istess atturi ma jirrikorrux danni ulterjuri fl-appartament propjeta taghho, liema xoghol sar f'Awwissu 2001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 2003 u bl-imghax legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti thallsu lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm441.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 2003 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------